II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Marzu 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2005/779/KE dwar miżuri ta' protezzjoni għas-saħħa ta' l-annimali kontra l-marda vexxikolari tal-ħnieżer fl-Italja

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1092)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/297/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intraKomunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-għan li jitlesta s-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi,

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/779/KE tat-8 ta' Novembru 2005 dwar miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali kontra l-marda vexxikolari tal-ħnieżer fl-Italja [2] ġiet adottata bi tweġiba għall-preżenza ta' din il-marda fl-Italja. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali fir-rigward tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer għal reġjuni ta' dan l-Istat Membru li huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vexxikolari tal-ħnieżer u għal dawk li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa minn din il-marda.

(2) Wara tifqigħat tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer fl-Italja matul l-2007 f'ċerti provinċji li jinsabu f'reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa minn din il-marda, dan l-Istat Membru ħa miżuri skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji ġenerali għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali u miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer [3].

(3) Barra minn hekk, l-Italja ssospendiet l-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' dawn il-provinċji fejn ir-riskju ta' tixrid ulterjuri tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer huwa probabbli. L-Italja pprojbiet ukoll il-moviment ta' ħnieżer minn dawn il-provinċji lejn reġjuni oħra ta' l-Italja u lejn Stati Membri oħra.

(4) Dawn il-miżuri li ttieħdu mill-Italja wrew li kienu effettivi. Huwa għalhekk xieraq li tiġi emendata d-Deċiżjoni 2005/779/KE biex isiru provvedimenti għas-sospensjoni ta' l-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' provinċja li tinsab f'reġjun rikonoxxut bħal ħieles mill-marda vexxikolari tal-ħnieżer, biex l-Italja tkun tista' twieġeb b'mod rapidu u trasparenti fil-każ ta' xi tifqigħat ta' din il-marda f'reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa minn din il-marda. Il-possibbiltà ta' sospensjoni għandha għalhekk tkun limitata fiż-żmien u, jekk ir-riskju jkompli wara li jiskadi l-perjodu stabbilit, għandha tittieħed Deċiżjoni skond l-Artikolu 10(4) id-Direttiva 90/425/KEE.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

[2] ĠU L 293, 9.11.2005, p. 28. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/9/KE (ĠU L 7, 12.1.2007, p. 15).

[3] ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/10/KE (ĠU L 63, 1.3.2007, p. 24).

(5) Barra minn hekk, iċ-ċentri ta' assemblaġġ għall-ħnieżer ħafna drabi huma sors primarju għat-tixrid tal-mard vexxikolari tal-ħnieżer. Għaldaqstant, l-Italja ħadet miżuri biex ittejjeb il-kontroll tal-movimenti ta' ħnieżer minn ċentri ta' assemblaġġ u biex tipprevjeni kull tixrid possibbli ta' din il-marda. Dawn il-miżuri, fir-rigward tas-sorveljanza taċ-ċentri ta' assemblaġġ għall-ħnieżer, u b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ittestjar u t-teħid ta' kampjuni li għandhom jitwettqu, għandhom għalhekk jiżdiedu.

(6) Id-Deċiżjoni 2005/779/KE għalhekk għandha tkun emendata skond dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/779/KE hi emendata kif ġej:

(1) L-intestatura tal-Kapitolu II qed tinbidel b'dan li ġej:

"RIKONOXXIMENT TA' REĠJUNI, PROVINĊJI U STABBILIMENTI FL-ITALJA BĦALA ĦIELSA MILL-MARDA VEXXIKOLARI TAL-ĦNIEŻER"

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 3a li jmiss:

"*Artikolu 3a*

Sospensjoni tar-rikonoxximent ta' provinċji f'reġjun rikonoxxuti bħala ħielsa

1. L-Italja għandha tiżgura li fejn isseħħ tifqigħa tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer fi provinċja f'reġjun rikonoxxuta bħala ħielsa mill-marda vexxikolari tal-ħnieżer, ir-rikonoxximent ta' din il-provinċja bħala ħielsa mid-deni vexxikolari tal-ħnieżer jiġi sospiż minnufih sakemm l-oriġini ta' l-infezzjoni ma tkunx stabbilita bħala tifqigħa sekondarja u l-inkjesta epidemjoloġika mwettqa skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/119/KEE fir-rigward tat-tifqigħa ma turix li hemm riskju insinifikanti ta' tixrid ulterjuri ta' din il-marda.

2. Il-miżuri stipulati fl-Artikoli 7, 8 u 9 għandhom japplikaw għall-provinċja msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Italja tista' għal darba oħra tirrikonoxxi l-provinċja msemmija fil-paragrafu 1 bħala ħielsa mill-marda vexxikolari tal-ħnieżer jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-istabbilimenti kollha li jinsabu fil-provinċja għandhom ikunu ġew ippreżentati f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 28 sa 40 jum, għal teħid ta' kampjuni għal ittestjar seroloġiku fuq numru ta' ħnieżer biżżejjed biex tkun individwata prevalenza ta' marda vexxikolari tal-ħnieżer ta' 5 % b'intervall ta' affidabilità ta' 95 %, u r-riżultati jkunu negattivi;

(b) il-miżuri fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħat tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer fil-provinċja ma għadhomx ikunu applikati skond il-punt 7(3) u (4) u l-punt 8(3)(b) ta' l-Anness II għad-Direttiva 92/119/KEE;

(ċ) ir-riżultati ta' l-inkjesta epidemjoloġika mwettqa skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/119/KEE fir-rigward tat-tifqigħat tal-marda vexxikolari tal-ħnieżer ma wrew l-ebda riskju ta' tixrid ulterjuri ta' din il-marda.

4. L-Italja għandha tikkomunika minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kull miżura li ttieħdet skond il-paragrafi 1, 2 u 3 u tippubblika dawn il-miżuri. Issospensjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż is-sitt xhur."

(3) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 qed jinbidel b'dan li ġej:

"3. Fiċ-ċentri ta' assemblaġġ għall-ħnieżer, it-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq f'intervalli ta' xahar:

(a) għall-ittestjar seroloġiku fuq għadd ta' ħnieżer biżżejjed biex tkun individwata l-prevalenza ta' marda vexxikolari tal-ħnieżer ta' 5 % b'intervall ta' affidabilità ta' 95 %;

(b) għall-ittestjar viroloġiku ta' feċi li għandhom jingħabru f'kull maqjel fejn jgħixu jew inżammu l-ħnieżer"

(4) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 qed jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fiċ-ċentri ta' assemblaġġ għall-ħnieżer, it-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq f'intervalli ta' xahar:

(a) għall-ittestjar seroloġiku fuq għadd ta' ħnieżer biżżejjed biex tkun individwata l-prevalenza ta' marda vexxikolari tal-ħnieżer ta' 5 % b'intervall ta' affidabilità ta' 95 %;

(b) għall-ittestjar viroloġiku ta' feċi li għandhom jinġabru f'kull maqjel fejn jgħixu jew inżammu l-ħnieżer."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni